



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2018
SWD(2018) 51 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwistjoni tas-superviżjoni pubblika tal-bonds koperti u li temenda d-Direttiva 2009/65/KE u d-Direttiva 2014/59/UE

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 rigward l-iskoperturi fil-forma ta' bonds koperti

{COM(2018) 94 final} - {COM(2018) 93 final} - {SWD(2018) 50 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv
Valutazzjoni tal-impatt dwar proposta għal Inizjattiva dwar qafas ta' bonds koperti integrat
A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni
Għalfejn? X'inhil-problema li qiegħda tiġi indirizzata?
L-investiment u l-ħolqien tal-impjieg huma objettivi ewlenin għall-UE. Bħala parti mill-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU), l-UE nediet bosta inizjattivi biex jiġi lliberat il-finanzjament tat-tkabbir tal-Ewropa u biex tingħata spinta lill-finanzjament ibbażat fuq is-suq. Il-bonds koperti huma sors importanti ta' finanzjament irħis u fit-tul għall-banek. Huma jiffaċilitaw il-finanzjament ta' self ipotekarju u self lis-settur pubbliku, biex b'hekk jappoġġaw is-self b'mod aktar ġenerali. Madankollu, is-swieq tal-bonds koperti mhux qed jiżviluppaw b'mod uniformi fis-Suq Uniku. Huma kbar ħafna f'xi Stati Membri, u mhux daqstant kbar fi Stati Membri oħra. Filwaqt li l-bonds koperti jibbenefikaw minn trattament prudenzjali preferenzjali fid-dawl tar-riskji aktar baxxi tagħhom, x'jikkonstitwixxi bond kopert huwa definit biss parzjalment fid-dritt tal-UE.
X'mistenni jinkiseb b'din l-inizjattiva?
L-ewwel u qabel kollox, din l-inizjattiva se jkollha fil-mira l-ingranaġġ tal-kapaċità tal-atturi finanzjarji li jinvestu fl-ekonomija usa' billi jkun iffaċilitat l-użu tal-bonds koperti mill-istituzzjonijiet ta' kreditu. Se tfittex li trawwem is-swieq tal-bonds koperti fl-Istati Membri li fihom dawn ma jeżistux attwalment jew huma sottożviluppati bħala mezz biex jgħinu jiffinanzjaw l-ekonomija reali f'konformità mal-objettivi tas-CMU. Se tfittex ukoll li tiddiversifika l-bażi tal-investituri (illum il-parti l-kbira ta' bonds koperti tinxxtara mill-banek); li tkompli tneġġegħ l-investimenti fl-UE; u, li tattira aktar investituri minn pajjiżi terzi. It-tieni, din l-inizjattiva se tindirizza tħassib prudenzjali li ġej min-nuqqas attwali ta' definizzjoni kompluta biżżejjed fid-dritt tal-UE tal-karatteristiċi ewlenin fir-rigward ta' x'jikkonstitwixxi bond kopert. Żieda fil-livell ta' armonizzazzjoni ta' dawn il-karatteristiċi għandha tiżgura li jingħata t-trattament preferenzjali li jinsab f'bosta partijiet tad-dritt tal-UE, lill-bonds koperti li jikkondividu ammont minimu ta' karatteristiċi ewlenin komuni filwaqt li jiżgura s-solidità prudenzjali u livell għoli ta' ħarsien. L-inizjattiva se tinkludi wkoll emendi mmirati lejn ir-rekwiżiti li taħthom it-trattament ta' kapital preferenzjali jingħata lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li jinvestu fil-bonds koperti skont ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital.
X'inhil-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?
Rigward il-potenzjal tas-CMU, il-livell tal-UE huwa l-aktar wieħed effettiv biex jindirizza d-differenzi sinifikanti fl-oqfsa regolatorji nazzjonali, il-prattiki diverġenti fis-suq, u f' livell regolatorju mill-Istati Membri, il-frammentazzjoni tas-Suq Uniku u n-nuqqas ta' armonizzazzjoni li jxekklu l-investimenti transfruntiera. It-tieni, dwar it-tħassib prudenzjali, dan jiġi mill-fatt li dak kollu li jikkonstitwixxi bond kopert mhuwiex indirizzat b'mod komprensiv fid-dritt tal-UE. Hija meħtieġa azzjoni mill-UE li tkompli tiddefinixxi t-tifsira ta' bond kopert biex ikun żgurat li t-trattament preferenzjali attwali li jingħata permezz tad-dritt tal-UE eżistenti jkun prudenzjalment solidu. Jenħtieġ li azzjoni bħal din, madankollu, tippreżerva s-swieq eżistenti li jaħdmu tajjeb u tillimita lilha nnifisha għal dak li hu strettament meħtieġ biex tiġi prodotta definizzjoni komuni tal-karatteristiċi ewlenin ta' bond kopert.

B. Soluzzjonijiet
X'għażliet ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm xi għażla ppreferuta jew le? Għalfejn?
Il-Kummissjoni qieset għadd ta' għażliet politiki li jiksbu l-objettivi msemmija hawn fuq sa limitu differenti. Ix-xenarju bażi huwa magħmul mill-istatus quo attwali (jiġifieri ebda azzjoni). Hemm ukoll sensiela ta' għażliet li huma differenti f'dak li għandu x'jaqsa mal-intensità tal-armonizzazzjoni, li jvarjaw minn għażla mhux regolatorja għal għażliet li jinvolvu armonizzazzjoni sħiħa. B'mod iktar speċifiku: • Xenarju bażi: ma jsir xejn; • Għażla 1: Għażla mhux regolatorja;

• Għażla 2: Armonizzazzjoni minima msejsa fuq reġimi nazzjonali; • Għażla 3: Armonizzazzjoni sħiħa li tissostitwixxi r-reġimi nazzjonali; jew • Għażla 4: Id-29 reġim li jiġihaddem b'mod parallel mar-reġimi nazzjonali. L-għażla ppreferuta hija armonizzazzjoni minima msejsa fuq reġimi nazzjonali. L-għażla 2 tikseb il-parti l-kbira tal-oġġettivi tal-inizjattiva bi spiża raġonevoli. Barra minn hekk, tibbilanċja b'mod xieraq il-grad ta' flessibilità meħtieġa biex il-karatteristiċi tal-Istati Membri jiġu akkomodati mal-uniformità meħtieġa biex tinkiseb il-koerenza fil-livell tal-UE. Hija x'aktarx l-aktar waħda effettiva fil-kisba tal-oġġettivi, filwaqt li fl-istess ħin hija differenti, u tnaqqas it-tfixkil u l-kostijiet ta' tranżizzjoni. Mill-għażliet meqjusa, hija wkoll fost l-għażliet l-aktar ambizzjużi f'termini regolatorji, filwaqt li fl-istess ħin hija l-azzjoni li tgawdi mill-ogħla appoġġ mill-partijiet ikkonċernati.
Liema għażla u min jappoġġaha? Il-partijiet ikkonċernati jappoġġaw l-aktar l-Għażla 2. Din tinkludi l-investituri istituzzjonali, is-superviżuri, l-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-industrija tal-bonds koperti. L-ABE (ir-rapport 2016), il-BĊE, il-Parlament Ewropew (ir-Rapport ta' Lulju 2017), u superviżuri nazzjonali u Ewropej esprimew ruħhom favur l-inizjattivi ta' natura u kontenut simili ħafna. Il-maġġoranza ta' Stati Membri jiffavorixxu wkoll din l-għażla, inklużi dawk li jirrappreżentaw l-akbar swieq. Il-Kunsill Ewropew tal-Bonds Koperti li jirrappreżenta l-industrija huwa wkoll favur din l-għażla.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta? L-implimentazzjoni ta' din l-għażla ttejjeg l-iżvilupp tas-swieq tal-bonds koperti fejn huma ma jeżistux jew fejn huma sottożviluppati, filwaqt li żżid il-ħruġ b'bejn 50 % u 75 % tal-valur referenzjarju ta' EUR 342 biljun. Tbaxxi wkoll il-kostijiet ta' finanzjament għall-emittenti. F'livell aggregat, jintlaħaq il-livell ta' ffrankar tal-kostijiet ta' finanzjament ta' bejn 50 % u 75 % tal-valur referenzjarju ta' bejn EUR 2,2 biljun u EUR 2,7 biljun fis-sena. Din l-għażla tikkontribwixxi biex tiddiversifika l-bażi tal-investituri (60 % ta' investituri għajr banek), biex tiffaċilita l-investimenti transfruntiera u biex tattira l-investituri minn pajjiżi terzi (16,5 % tal-investimenti minn pajjiżi terzi għall-ammont addizzjonali ta' EUR 80 biljun fis-sena minn barra l-UE). Globalment tgħin biex tikseb l-iffirankar fuq il-kostijiet ta' self għall-ekonomija reali ta' bejn 50 % u 75 % tal-valur referenzjarju ta' bejn l-EUR 1,5 u l-EUR 1,9 biljun fis-sena. Din l-għażla tindirizza tħassib prudenzjali, anki fir-rigward tal-innovazzjoni tas-suq, u tikseb il-benefiċċju prudenzjali li jallinja l-karatteristiċi strutturali tal-prodott mat-trattament prudenzjali preferenzjali fil-livell tal-UE. Fl-aħħar, għandha wkoll issaħħaħ il-ħarsien tal-investitur u tnaqqas il-kostijiet ta' diliġenza dovuta għall-investituri.
X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta? L-għażla ppreferuta tikseb il-parti l-kbira tal-oġġettivi tal-inizjattiva b'kostijiet raġonevoli billi tlaqqa' flimkien biżżejjed flessibilità li takkomoda l-karatteristiċi tal-Istati Membri mal-oġġettivi li tinkiseb il-koerenza fil-livell tal-UE għall-bonds koperti. Il-kostijiet amministrattivi diretti, kemm dawk ta' darba kif ukoll dawk rikorrenti taħt l-għażla ppreferuta huma mistennija li jiżdiedu għall-emittenti li joperaw f'ġurisdizzjonijiet li fihom il-kostijiet huma baxxi. Il-kostijiet jiżdiedu wkoll għas-superviżuri u b'mod partikolari f'ġurisdizzjonijiet li jimponu inqas restrizzjonijiet li huma mistennija li jikkonverġu lejn il-valur referenzjarju rrappreżentat minn ġurisdizzjonijiet li fihom il-kostijiet huma għolja. Min-naħa l-oħra, il-kostijiet mhumex se jiżdiedu għall-investituri. Il-karatteristiċi li jsaħħu l-kreditu tar-regoli previsti jnaqqsu l-kostijiet ta' diliġenza dovuta għall-investituri.
Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi? L-għażla ta' politika magħżula jkollha xi effetti pożittivi diretti u indiretti fuq il-finanzjament tal-SMEs. Madankollu, il-benefiċċju l-aktar sinifikanti fuq l-SMEs jiġi mill-inizjattiva dwar il-Biljetti Garantiti Ewropej (ESN - European Secured Note) li, kif spjegat fil-bidu ta' dan il-valutazzjoni tal-impatt, hija inizjattiva separata parallela.
Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali? Le
Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra? Le
D. Segwitu

Meta se tiġi rieżaminata l-politika?
L-ewwel rieżami tal-qafas il-ġdid ikun jista' jsir sentejn (2) jew tliet (3) snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.